

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-30 ta' Mejju 2017 – Safa Nicu Sepahan Co. vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-45/15 P) ⁽¹⁾

(Appell — Rikors għad-danni — Politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) — Miżuri restrittivi meħuda kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran — Lista tal-persuni u tal-entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Dannu materjali — Dannu immaterjali — Żball ta' evalwazzjoni tal-ammont tal-kumpens — Assenza — Appell inċidentali — Kundizzjonijiet neċessarji għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea — Obbligu li tiġi stabbilita l-fondatezza tal-miżuri restrittivi — Ksur suffiċjentement serju)

(2017/C 249/02)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Safa Nicu Sepahan Co. (rappreżentant: A. Bahrami, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Liudvinaviciute-Cordeiro, M. Bishop u I. Gurov, aġenti)

Intervenjent insostenn tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentant: M. Gray, aġent)

Dispożittiv

- 1) L-appelli ppreżentati minn Safa Nicu Sepahan Co. u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu miċħuda.
- 2) Safa Nicu Sepahan Co. u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.
- 3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 118, 13.4.2015